



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2021
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0050(COD)

14317/21
ADD 1

SOC 687
EMPL 517
GENDER 122
ANTIDISCRIM 104
CODEC 1536
IA 187

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill (EPSCO)
Nru dok. Cion:	6750/21 - COM(2021) 93 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni mill-Polonja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Polonja fir-rigward tad-Direttiva msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA
DWAR ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL GĦAT-
TISĦIĦ TAL-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TA' PAGA UGWALI GĦAL XOGĦOL
UGWALI JEW XOGĦOL TA' VALUR UGWALI BEJN L-IRĠIEL U N-NISA PERMEZZ
TA' TRASPARENZA FIL-PAGI U MEKKANIŻMI TA' INFURZAR

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-espressjoni "differenza bejn il-ġeneri fil-pagi" bħala d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta espressjonijiet oħra li fihom it-terminu "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.